# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024**

**Numru 9**

**Rikors numru 1106/2019/1TA**

**No Deposit Cars Malta Limited (C 85780)**

**v.**

**Mark Cauchi**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Settembru, 2023 imressaq mill-kumpanija attriċi, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet tagħha sabiex titħallas il-bilanċ li fadlilha tieħu mill-bejgħ bin-nifs ta' vettura, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-istess kumpanija, minħabba li ġiet milqugħa r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut li l-ftehim ta' bejgħ kien milqut bi prassi kummerċjali qarrieqa bi ksur tal-**Artikolu 51Ċ tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-15 ta' Novembru, 2019 il-kumpanija attriċi fissret li b'kuntratt ta' xiri bin-nifs tad-9 ta' April, 2019, il-konvenut xtara l-vettura Citroen C3 Auto, bir-reġistrazzjoni numru VQZ151. Tgħid li skont l-istess kuntratt, il-konvenut kien ftiehem illi jħallas it-total ta' €18,000.00 b'pagamenti ta' €300.00 fix-xahar fuq medda ta' ħames snin. Il-konvenut iffirma sittin kambjala ta' €300.00-il waħda.

3. Il-kumpanija attriċi tfisser ukoll li l-konvenut wettaq biss pagament mensili wieħed ta' €300.00 fid-9 ta' April, 2019, u sussegwentement waqaf milli jkompli jħallas mingħajr ebda raġuni valida u għaldaqstant tisħaq li tilef il-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz. Wara diversi tentattivi, il-konvenut ġie infurmat illi jekk jibqa' ma jħallasx il-pagamenti, il-karozza kienet sejra tinġabar lura.

4. Tissokta tgħid li wara diversi xhur, il-karozza nġabret lura. Issemmi l-klawsoli 7.1.1 u 7.1.2 tal-kuntratt bħala l-bażi tal-azzjoni tagħha u tgħid li l-bilanċ dovut hu dak ta' €17,800.00. Il-kumpanija attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenut kiser l-kuntratt ta' hire and purchase datat disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) bejn il-partijiet (Dok. 'A');*

*2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' Hire and Purchase bejn il-partijiet (Dok. 'A'), il-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura Citroen C3 Auto, biċ-Chassis number VF7SHXHNZTHT550355 targata VQZ151;*
*3. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' Sbatax-il Elf, u Tmien Mitt Ewro (€17,800.00) rappreżentanti bilanċ dovut skont il-kuntratt ta' Hire and Purchase tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. 'A');*
*4. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' Sbatax-il Elf, u Tmien Mitt Ewro (€17,800.00).*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu min issa inġunt in subizzjoni.»*

5. Il-konvenut Mark Cauchi ressaq tweġiba maħlufa fit-18 ta' Diċembru, 2019 u eċċepixxa hekk:

*«1. Illi fl-ewwel lok il-konvenut, minn jeddu u mingħajr ebda interpellazzjoni rritorna lura lis-soċjetà attriċi l-vettura Citroen bin-numu ta' reġistrazzjoni VQZ151 minħabba ħsarat konsiderevoli li kellha u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*
*2. Illi fit-tieni lok tiġi eċċepita l-kawża illeċita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma illegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali mhux ġusta ai termini tal-Artikolu 51B tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*4. Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma illegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali qarrieqa u dan skont l-Artikolu 51C u 51D tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*5. Illi fil-ħames lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet tas-soċjetà attrici huma illegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali aggressiva ai termini tal-Artikolu 51E tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*6. Illi jiġi eċċepit u dan b'referenza għal kambjali esibiti mis-soċjetà attriċi illi dawn iservu biss għal finijiet ta' valur probatorju inkwantu għall-allegat kreditu ladarba din l-azzjoni mhux action cambiaria.*
*7. Illi t-talbiet tas-soċjetà attrici huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*
*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.»*

6. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut biex b'hekk sabet li l-iskrittura ta' xiri bin-nifs kellha klawsola li

tikkostitwixxi prattika kummerċjali qarrieqa skont l-**Artikolu 51Ċ tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**, u għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontriha.

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

*«Konsiderazzjonijiet*

*7. Jibda mill-ewwel biex jingħad li l-ammont li qiegħed jintalab ġie ridott minn sbatax-il elf u tmien mitt ewro (€17,800) għal tnax-il elf (€12,000) permezz ta' verbal fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023.*

*8. Kif diġà rilevat, in-negozju li għandha quddiemha din il-Qorti huwa regolat mill-hire purchase agreement datat 4 ta' April 2019. Fi klawsola 7.2 ta' dan il-ftehim ġie miftiehem li "… the owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the hirer in terms of this agreement and the price of the motor vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued" (a fol 7).*

*9. Mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta b'mod l-aktar ċar li fil-11 ta' Novembru 2021 il-vettura inbiegħet lil ċertu Sujan Khatri (a fol 151 u tergo). Thorne Mangion, impjegat tas-soċjetà Attriċi fl-accounts jiċħad li nbiegħet (a fol 161 tergo). B'danakollu jemerġi li fil-fatt it-tieni xerrej ħallas 20 pagament ta' €280. Ħallas b'kollox €5800 (a fol 178 tergo u a fol 236 tergo). Jemerġi wkoll li dawn il-flus ma ġewx rifużi lit-tieni xerrej.*

*10. Dan ifisser li anke abbażi tal-prinċipju pacta sunt servanda mill-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000) irid jerġa' jitnaqqas dan l-ammont. Imma anke li kieku ma kienx hemm din il-klawsola, il-fatt li din il-vettura reġgħet ġiet fil-pussess tas-soċjetà attriċi jkun ukoll ġust li jsir dan it-tnaqqis. Kummerċjant għandu jimxi bil-fier u mhux jaħleb sitwazzjoni a skapitu tax-xerrej. Il-profitt għandu jkun kommensurabbli ma' dak li jagħti, altrimenti jkun hemm kuntratt ta' esplojtazzjoni u mhux ta' bejgħ. Għalhekk, kieku stess huwa dovut xi ammont dan huwa ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200). Kważi sittin fil-mija (60%) anqas minn dak li qiegħed jintalab fir-rikors ġuramentat.*

*11. Issa fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jeċċepixxi fost oħrajn li l-ftehim inkwistjoni jikkomprendi pretensjonijiet li huma illegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali qarrieqa skont artikoli 51C u 51D tal-*

*kap 378 tal-liġijiet ta' Malta u kif ukoll prattika kummerċjali aggressiva ai termini tal-artikolu 51E tal-istess Kap tal-liġijiet.*

*12. Il-Qorti għandha żewġ verżjonijiet li huma tabilħaqq kunfliġġenti ta' kif seħħew l-affarijiet. Il-verżjoni tas-soċjetà attriċi hija riflessa fix-xhieda ta' Luke Milton impjegat tagħha: "Ngħid li għaddew diversi xhur u ma sar ebda pagament. Sadanittant, aħna konna nikkuntattjaw lis-sur Cauchi, sabiex jekk ma jixtieqx jibdel il-vettura għall-mudell ieħor u jekk ser ikompli juża l-vettura, mela allura jibda jaffettwa l-pagamenti dovuti skont il-kuntratt u l-kambjali li kien iffirma. Min-naħa tiegħu, is-sur Cauchi dejjem wegħdna li se jibda jħallas u li għandu l-mezzi sufficjenti sabiex jonora l-obbligi tiegħu ai termini tal-kuntratt. Madankollu l-ebda pagament ieħor qatt sar. Eventwalment innutajt li kull ma ried kien sabiex itawwal iż-żmien biex ikompli juża l-vettura mingħajr ħlas." (a fol 46). Din il-verżjoni hija fis-sustanza konfermata minn Thorne Mangion ukoll impjegat tas-soċjetà attriċi (a fol 49). Dawn f'ebda ħin ma jgħidu li s-soċjetà attriċi ntbagħtitlha ittra mingħand il-konvenut li qiegħed jilmenta. (Ara ittra datata 5/7/2019 a fol 94).*

*13. Min-naħa tiegħu l-konvenut għandu verżjoni oħra dwar kif ġraw l-affarijiet. Jixhed hekk:*

> *"Meta mort ġewwa l-uffiċċju tagħhom u ċjoè tan-No Deposit Cars ġewwa Ħal-Farruġ kellimt lil Luke u għidtlu li kellhom isewwu l-vettura. Dak il-ħin huwa biddel id-diskors kollu li kien qalli u wara li kont diġà ħallast żewġ pagamenti, kont avżajtu li ma kontx sejjer inħallas aktar jekk mhux sejrin isewwu l-istess vettura. Fil-fatt ta' dan anke kont bgħattilhom ittra fil-5 ta' Lulju 2019 biex ngħidlihom fuq dan kollu. Illi f'din l-ittra kont għidt dak li kien hemm fuq l-istess vettura sabiex jagħmlu tajjeb għal dak li jiena xtrajt. Fil-fatt ftit taż-żmien wara nirċievi ittra mingħand l-avukat tagħhom fejn qaluli li kont xtrajtha tale quale u nieqaf ngħid dawn l-affarijiet oħra. Illi għalkemm kienu kważi għaddew xi tliet xhur u din il-vettura baqgħet ma saritilha ebda xogħol fiha, Luke bagħtli text message fejn kien qalli li lest li jibdilli din il-vettura u jagħtini oħra flok li kien tani. Dan il-mudell kien tal-għamla Citroen C bħalma kont xtrajt mingħandhom, però kienet aktar antika u kien sejjer iżomm l-istess prezz. Meta rrifjutajt urieni Citroen C4 Cactus li kienet tidher agħar milli kont xtrajt u mhux talli hekk ridt jgħolli l-prezz ukoll tagħha. Illi jiena rrifjutajt li nagħmel dan" (a fol 87).*

*14. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ verżjonijiet, din il-Qorti tibqa' mmeraviljata kif tal-inqas Luke Milton ma ftakarx imqar bil-messaġġi li kien bagħat (ara wħud minn dawn il-messaġġi a fol 90). Rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' xhieda kunfliġġenti l-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħallmu dawn il-Qrati u ċjoè "trattandosi ta' żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, jkollu jirreferi u joqgħod fuq id-depożizzjonijiet kontrastanti mogħtija mill-partijiet u jestendi l-indaġini tiegħu fuq il-provi dokumentali li għandhom iwassluh għas-soluzzjoni ġusta tal-vertenza" (ara* ***Sentenza tas-27 ta' Ġunju, 2007 Appell Ċivili fl-ismijiet Joseph Cutajar -vs- Albert Satariano per Imħallef Philip Sciberras****). Kemm l-ittra li fuq imsemmija u anke l-messaġġi telefoniċi li għaddew bejn il-konvenut Luke Milton kjarament jagħtu aktar affidabbiltà għax-xhieda tal-konvenut.*

*15. Jirriżulta b'mod mill-aktar ċar, li fil-mument tal-bejgħ din il-vettura kienet altru milli misjura. Skont rapport datata fis-7 ta' Ottubru, 2019 ex parte ta' Natalino Agius il-vettura kienet maħbuta u kellha ħsarat fuq in-naħa tax-xellug (a fol 60). L-Attur jixhed li fl-istess jum li xtraha nnota li kien hemm xi ħsarat fil-vettura. Kien hemm fil-bumper, fil-bieba tan-naħa tal-passiġġier, fil-mera (a fol 86). Il-vettura nxtrat fid-9 ta' April, 2019 (a fol 4).*

*16. Filwaqt rapport tal-espert tal-Qorti jikkonkludi hekk: «Overall, the vehicle is not a roadworthy condition. Tyres should have the same thread and should be equipped whilst their lifespan period of 5 years or less depending on the usage. As for the body damage, the correct repairing and refinishing procedures have not been adopted which might effect the overall safety of the vehicle and the safety of its passengers and third parties. Proper attention needs to be given to the mechanical and braking system of the vehicle to endure proper functioning» (a fol 81).*

*17. Il-Qorti qrat ukoll ix-xhieda ta' Conrad Bezzina, panel beater u mechanic użwali tas-soċjetà attriċi. Kuntrarjament għall-espert ex-parte u anke dak tal-Qorti, dan jimminimizza għall-aħħar il-ħsarat kollha li kellha din il-vettura. Mingħajr ma din il-Qorti b'xi mod ma trid titfa' xi dell fuq il-ħiliet ta' din il-persuna, hija moralment konvinta, li abbażi tal-esperti l-oħra, li din il-vettura ma kinitx tajba għat-triq, tant li wara li nbiegħet għat-tieni darba għal darba oħra reġgħet ittieħdet lura lis-soċjetà attriċi, fejn illum tinsab fl-imħażen tagħha u din il-Qorti tawspika li tibqa' hemm.*

*18. Il-Qorti hija konvinta li s-soċjetà attriċi fil-mument tal-bejgħ kienet taf li din il-vettura kienet maħbuta u li kellha ammont ta' difetti. Tifhem għaliex eskludiet il-garanzija tad-difetti latenti. Tifhem ukoll għaliex fost il-kundizzjonijiet l-insistenza li "The Hirer accordingly agrees that no express or implied condition-warranty or equivalent representation thereof as to the state, quality, description or otherwise of the Motor vehicle has been or is being given or made by the owner" (Ara kundizzjoni 5.2 a fol 6).*

*19. Meta persuna tixtri u takkwista vettura "second hand" ikun ifisser żewġ affarijiet. Li min qiegħed jakkwistaha, il-mezzi finanzjarji tiegħu x'aktarx huma limitati u għalhekk ma jkunx jiflaħ għall-infieq żejjed u li xorta għandu jkun konsenjat oġġett li hu tajjeb għall-użu intenzjonat għalkemm irid joqgħod aktar attent minn meta jkun qiegħed jixtri oġġett ġdid.*

*20. Il-prinċipju tal-bwona fede jibqa' sagrosant anke fix-xiri ta' oġġetti second hand. Għalhekk, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni, li fil-każ imsemmi l-mezzi użati mis-soċjetà Attriċi jammontaw għall-prattika kummerċjali qarrieqa peress li bil-preżentazzjoni totali tagħha, is-soċjetà attriċi qarrqet bl-attur li din il-Qorti tikkunsidrah bħala konsumatur medju, u li għalhekk ġie mġiegħel jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu*

*f'ċirkostanzi oħra fir-rigward l-eżistenza jew in-natura tal-prodott mixtri, f'dan il-każ il-vettura inkwistjoni.*

*21. Il-Qorti tfakkar li għal dak li jirrigwarda l-konsumatur medju ai fini tal-artikolu 51C tal-kap 378 tal-liġi huwa utli li jiġi ċitat dak li qal l-espert tal-Qorti waqt l-eskussjoni: "Nikkonferma li ma hux kwalunkwe persuna jista' jinduna b'dawn id-difetti iżda trid tkun espert ta' ċertu taħriġ u esperjenza biex tinduna. Biex nagħti eżempju jekk vettura ġenerali għandha daqqa ta' qies medju fil-bieba tinduna, kwalunkwe bniedem jista' jinduna, però difetti fl-ispray jew difetti oħra jew xogħol li sar fuq il-vettura li tul il-ħajja tal-vettura ma sarx sewwa, jirrikjedu ċertu investigazzjoni għaldaqstant irid irid ikun espert/mechanic/bniedem ta' esperjenza biex jinduna b'dawn id-difetti. Nikkonkludi ngħid li ħsarat ma jidhrux mad-daqqa t'għajn iżda wieħed irid jinvestiga fid-dettal." (a fol 175). Il-konvenut ċertament ma setax ikun jaf dak li jidher kienet taf is-soċjetà attriċi dwar l-istat ta' din il-vettura u nseriet klawsoli kuntrattwali biex tilqa' għall-ilmenti li setgħu jinbtu minn ħin għall-ieħor wara l-bejgħ kif fil-fatt nibtu.*

*22. Fl-aħħar nett il-Qorti tirrileva, li l-ġebla tax-xewka tal-kuntratti hija l-bwona fede. Fejn ma hemmx din, ma hemm qatt vinkolu kuntrattwali. Prinċipju li huwa mnaqqax fl-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili. Di più l-frodi tannulla kollox ossia "fraus omnia corrumpit". Il-frodi ċivili għandu tifsira differenti minn dak li tingħatalu fil-kamp penali, għaliex dak ċivilistiku kull ma jirrekjedi hu li persuna ma taġixxix in bwona fede. Intqal sewwa fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et nomine****" per GCD tat-12 ta' Ottubru 1995:- "Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorett li juri 'mala fides' ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-'mala fides' tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunità mill-principju 'fraus omnia corrumpit'".*

*23. Kwantu għall-kambjali b'konsegwenza ta' din is-Sentenza dawn tilfu kull saħħa li seta' kellhom skont il-liġi.»*

8. Illi l-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-24 ta' Ottubru, 2023 b'erba' aggravji.

9. Il-konvenut appellat ressaq tweġiba fit-12 ta' Diċembru, 2023 fejn ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-

sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Illi din il-kawża hija dwar bejgħ ta' vettura *second hand* permezz ta' kuntratt ta' xiri bin-nifs (*hire purchase agreement*).

12. Din il-Qorti se tgħaddi biex fil-qosor issemmi l-aggravji mressqa mill-kumpanija attriċi.

13. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-kumpanija attriċi tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi, b'mod partikolari meta qieset li l-karozza kellha difetti moħbija li hija kienet taf bihom fil-mument tal-bejgħ. Tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tippreċiża liema mill-azzjonijiet qarrieqa msemmija fl-**Artikolu 51Ċ tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** hija wettqet, u kif ukoll naqset milli tispeċifika liema mill-kundizzjonijiet tal-ftehim, li kienu liberament aċċettati mill-appellat, jikkostitwixxu prattika kummerċjali qarrieqa.

14. Tissokta tgħid li biex l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni straħet fuq dak li qal l-appellat, fuq il-konklużjonijiet tal-espert maħtur John Camilleri u fuq ix-xhieda ta' Natalino Agius. Tgħid li l-ħsarat li lmenta dwarhom l-appellat kienu ħsarat kosmetiċi li jidhru mad-daqqa ta' għajn u li huwa kien aċċettahom meta xtara l-vettura u b'hekk jiġi li ma kinux

difetti moħbija. Magħdud ma' dan, il-kumpanija attriċi tfakkar li l-Qrati tagħna jagħrfu li oġġett mixtri *second hand* għandu jkun tajjeb sa fejn jista' jkun tajjeb oġġett li jkun diġà għadda minn id oħra, bil-prezz li jinxtara. Iżżid tgħid li dawn l-allegati difetti ma kinux tali li jwasslu li l-karozza ma kinitx tajba għall-użu li suppost kellha, u dan meħud inkonsiderazzjoni li dawn kienu jidhru, li l-appellat xtara liberament u kif ukoll li l-karozza baqgħet fil-pussess tal-appellat għal seba' xhur mid-data tal-ftehim qabel ma ngħatat lura lilha. Issemmi x-xhieda ta' Conrad Bezzina mogħtija fil-kontroeżami li kien spezzjona l-karozza l-għada li nxtrat u dan fisser li d-difetti li sab l-appellat kienu kosmetiċi u ma kienx hemm ħtieġa ta' ħafna xogħol. Tgħid ukoll li anke mir-rapport ta' Natalino Agius jirriżulta dan.

15. Il-kumpanija appellanti tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-appellat ma ressaqx il-persuni li semma u ma saħħaħx id-dikjarazzjoni tiegħu li ħa l-karozza għat-tiswija kemm-il darba. Tilmenta wkoll li l-ħatra tal-espert tekniku mill-Ewwel Qorti ma kinitx kif kellha tkun għaliex il-*punctum temporis* huwa l-mument tal-bejgħ u mhux meta nfetħet il-kawża. B'żieda ma' dan tgħid li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-ispezzjoni tal-espert tekniku seħħet sentejn u nofs wara li tressqet il-kawża u saħanistra sena wara li kienet maħbuta f'inċident li seħħ f'Ottubru tas-sena 2020. Tilmenta wkoll li l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-karozza tant ma kinitx tajba għat-triq li wara li nbiegħet it-tieni darba għal darba oħra reġgħet ittieħdet lura lilha kienet żbaljata billi r-raġuni tar-radd lura ma kinux xi difetti.

16. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, il-kumpanija appellanti tirreferi għall-klawsoli 5.2 u 5.3 tal-iskrittura minn fejn jirriżulta li hija kienet qiegħda teskludi kwalsiasi responsabbiltà u ma kienet qiegħda tagħti l-ebda garanzija. Tgħid li l-appellat spezzjona l-karozza u aċċettaha *tale quale*. Barra minn hekk, klawsoli bħal dawn huma permessi mil-liġi b'riħet l-**Artikolu 1426 tal-Kodiċi Ċivili**. Tirreferi għall-ġurisprudenza u tgħid li skont l-istess kien jaqa' fuq l-appellat li jivverifika l-istat u l-kundizzjoni tal-karozza qabel ma xtraha għaliex wara tilef kull dritt li jilmenta dwar xi difett. Tgħid li l-appellat mar anke jagħmel *test-drive* qabel ma xtara l-karozza. Huwa kellu jġib ruħu ta' ġenitur tajjeb tal-familja u kellu jaqra sew il-ftehim qabel jiffirmah. Iżżid ukoll li klawsola bħal din għandha titqies fid-dawl tal-fatt li l-karozza nxtrat *second hand* u hija komuni f'bejgħ ta' din ix-xorta. Fuq kollox, tisħaq li jekk l-appellat ma kienx kuntent bil-ftehim messu mexxa bl-azzjoni redibitorja jew estimatorja.

17. Illi b'rabta mal-aggravju ta' qabel, permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>**, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset l-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellat daqslikieku għandhom is-saħħa li jwasslu għar-rexxissjoni tal-ftehim. Tisħaq li f'dan il-każ la kien hemm rieda ħażina u lanqas ma seta' jiġi rexxiss il-ftehim abbażi tal-eċċezzjonijiet biex b'hekk il-Qorti ġiet li aċċettat *per via di eccezione* dak li messu tressaq permezz ta' azzjoni.

18. Bl-**<u>aħħar aggravju</u>**, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset illi li kieku kellhom jintlaqgħu t-talbiet attriċi, l-ammont dovut lilha kien ta' €6,200. Tinsisti li l-ammont dovut lilha huwa ta' €12,000 billi fil-mori tal-kawża tnaqqas l-ammont li kien tħallas mit-terz li xtara l-karozza wara li l-istess kumpanija ħaditha lura fil-pussess tagħha.

19. Illi l-ewwel żewġ aggravji se jitqiesu flimkien billi huma marbutin ma' xulxin.

20. Illi l-kumpanija attriċi qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq żewġ klawsoli tal-ftehim li jgħidu hekk:

> *«7.1. Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of*
>
> *1. Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*
>
> *7.1.2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*
>
> *the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.»*

21. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut ressaq bosta eċċezzjonijiet, kif rajna aktar 'il fuq, u l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tiegħu limitatament għal dak li huwa l-**Artikolu 51Ċ tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**. Din il-Qorti se tillimita ruħha għaldaqstant fuq dan l-Artikolu

(anke għaliex l-Ewwel Qorti ma stħarrġitx l-Artikoli l-oħrajn imsemmija fit-tweġiba maħlufa). Dan l-Artikolu jgħid hekk:

*«51Ċ. Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk:*

*(a) ikun fiha tagħrif falz; jew*
*(b) b'xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra:*

*(i) l-eżistenza jew in-natura tal-prodott;*
*(ii) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħad-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, l-eżekuzzjoni, il-kompożizzjoni, l-aċċessorji, l-assistenza ta' wara l-bejgħ għall-konsumatur u t-trattament ta' ilmenti, il-metodi u d-data ta' manifattura jew tal-provvista, il-kunsinna, l-idoneità għall-għan, l-użu, il-kwantità, l-ispeċifikazzjoni, l-oriġini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi importanti ta' eżamijiet jew kontrolli magħmula tal-prodott;*
*(iii) il-firxa tal-impenji min-naħa tal-kummerċjant/a, l-għanijiet għall-prattika kummerċjali u n-natura tal-proċess tal-bejgħ, kwalunkwe stqarrija jew simbolu fir-rigward ta' sponsorizzazzjoni diretta jew indiretta jew approvazzjoni tal-kummerċjant/a jew tal-prodott;*
*(iv) il-prezz jew il-mod kif il-prezz huwa kalkolat, jew l-eżistenza ta' vantaġġ speċifiku fil-prezz;*
*(v) il-bżonn ta' servizz, parti, sostituzzjoni jew tiswija;*
*(vi) in-natura, l-attributi u d-drittijiet tal-kummerċjant jew tal-aġent tiegħu, bħall-identità u l-assi tiegħu, il-kwalifiki, l-istatus, l-approvazzjoni, l-affiljazzjoni jew il-konnessjonijiet tiegħu u d-drittijiet tiegħu fuq proprjetà industrijali, kummerċjali jew intellettwali jew il-premji li ngħata u r-rikonoxximenti mogħtija lilu;*
*(vii) id-drittijiet tal-konsumatur, inkluż id-dritt ta' tiswija tibdil jew rimborż skont it-Taqsima IX tal-Att, jew ir-riskji li jista' jiffaċċa; jew*

*(ċ) fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, hija tikkawża jew x'aktarx tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra, u tinvolvi:*

*(i) kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' prodott, inkluż reklamar komparattiv, li joħloq konfużjoni bejn kwalunkwe prodotti, trade marks, ismijiet kummerċjali u marki oħrajn distintivi ta' kompetitur; jew*
*(ii) nuqqas ta' konformità mill-kummerċjant mal-impenji kontenuti f'dawk il-kodiċijiet ta' kondotta li fuqhom il-kummerċjant impenja ruħu li jirregola lilu nnifsu, fejn - (a) l-impenn mhux wieħed li*

*jaspira iżda huwa sod u li jista' jiġi verifikat, u (b) il-kummerċjant jindika fi prattika kummerċjali li huwa marbut mill-kodiċi; jew*

*(iii) kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' oġġett, fi Stat Membru wieħed, bħala identiku għal oġġett kummerċjalizzat fi Stati Membri oħra, meta dak l-oġġett ikun differenti b'mod sinifikanti fil-kompożizzjoni jew fil-karatteristiċi, sakemm dan ma jkunx ġustifikat minn fatturi leġittimi u oġġettivi.»*

22. Illi l-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ma speċifikatx liema subinċiżi ta' dan l-Artikolu kienet qiegħda ssib li huma applikabbli għall-każ tal-lum. Filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma semmiet l-ebda subinċiż, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ovvju li s-subinċiż li huwa relevanti għall-każ tal-lum kien is-**subinċiż (b)**, meqjus il-fatt li anke l-provi li tressqu miż-żewġ naħat kienu ċċentrati: (i) fuq il-kundizzjoni tal-karozza meta nbiegħet u ġiet konsenjata lill-konvenut; (ii) fuq x'ġara wara li l-konvenut ħa l-pussess tagħha; u (iii) fuq il-klawsoli 5.2 u 5.3 tal-ftehim li permezz tagħhom ġiet eskluża kwalsiasi garanzija rigward il-karozza. Fuq kollox m'hemm l-ebda obbligu legali li qorti ċivili toqgħod tispeċifika bit-tismijia tal-Artikolu tal-liġi li fuqu tkun qiegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Dak li huwa meħtieġ huwa li s-sentenza tkun motivata tajjeb u l-partijiet jifhmu r-raġunament tagħha (anke jekk forsi ma jaqblux miegħu). Fil-każ tal-lum huwa aktar milli ovvju li l-kumpanija appellanti fehmet sew x'qalet l-Ewwel Qorti tant li ressqet appell dettaljat. Jiġi b'hekk li ċertament ma ġarrbet l-ebda preġudizzju.

23. Illi kif diġà ntqal, fl-iskrittura ta' xiri bin-nifs kien hemm żewġ klawsoli li kienu jaqraw hekk:

> *«5.2. The Hirer acknowledges and accepts that the Owner is not the original manufacturer or supplier of the Motor Vehicle, and that the Motor Vehicle has been specifically selected by the Hirer. The Hirer accordingly agrees that no express or implied condition-warranty or equivalent representation thereof as to the state, quality, description or otherwise of the Motor Vehicle has been or is being given or made by the Owner.*
>
> *5.3. Without prejudice to the provisions of this agreement, the parties agree that this hire-purchase is being made tale quale. The Owner hereby excludes any responsibility or warranty for latent defects, whether mechanical, electrical or otherwise, existing at the time of and following the date of this agreement..»*

24. Miżmum dan, f'dan l-istadju se ssir referenza għal tagħlim ġurisprudenzjali li huwa relevanti għad-determinazzjoni tal-aggravji mistħarrġa.

25. Bħala regola ġenerali l-garanzija konvenzjonali pattwita tikkostitwixxi biss mezz ta' tisħiħ għat-tutela tax-xerrej, u ma sservix biex b'xi mod tnaqqas il-garanzija legali. Il-garanzija konvenzjonali ma hix b'esklużjoni ta' dawk provduti bil-liġi, iżda b'aġġunta magħhom. Dan hu hekk sakemm ma jirriżultax b'mod ċar li l-partijiet ftehmu li jkunu regolati biss bil-garanzija konvenzjonali (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Mejju, 2024 fl-ismijiet ***Valhmor Borg (ImportExport) Limited v. Slais Company Limited*** u dik tal-25 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet ***Peninsula Investments Ltd. v. BIM Ltd***).

26. Hekk ukoll intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet ***Christopher Falzon v. Noel Gauci*** mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2009 li:

> *«ġie minn din il-Qorti ritenut f'appell minn sentenza pronunzjata mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar illi l-garanzija konvenzjonali pattwita tikkostitwixxi mezz ta' tisħiħ għat-tutela tax-xerrej. "Dan fis-sens li hi in aġġunta mal-garanzija dovuta ex lege mill-venditur (**Artikolu 1378, Kodiċi Ċivili**) għad-difetti li ma jidhrux (**Artikolu 1408, Kodiċi Ċivili**) u għar-responsabbiltà tal-bejjiegħ stabbilita mil-liġi minħabba mankanza tal-kwalità mwegħda (**Artikolu 1390, Kodiċi Ċivili**). Fi kliem ieħor, dik il-garanzija akkordata ma hijiex b'esklużjoni ta' dik stabbilita fl-Artikolu 1424, kif hekk seta' jsir bl-**Artikolu 1426 tal-istess Kodiċi**" (**Dorianne Bartolo Vella v. Industrial Motors Limited**, 26 ta' Jannar, 2005). Ingħad ferm sew qabel din mill-Qorti tal-Appell, sede Kummerjċali, illi "biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali, jeħtieġ li jkun hemm ftehim ċar li juri dik il-limitazzjoni li biha jkunu kuntenti ż-żewġ partijiet. Il-fatt li fuq id-dokument ikunu mniżżlin ċerti patti ta' garanzija, bħal fil-każ preżenti, ma hux biżżejjed, waħdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li tagħti l-liġi, għax jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija għal dak biss li jkun espress fid-dokument b'esklużjoni tal-garanzija legali, jew inkella li l-kundizzjonijiet tad-dokument ikunu inkonċiljabbli mal-garanzija legali" (**Joseph Cefai v. Carmelo Petroni et nomine**, 28 ta' Ġunju, 1957). B'aktar forza rafforzata dan li ngħad isib konferma fid-dixxiplina kodiċistika taħt l-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**, ..»*

27. Marbut ma' dan, m'hemmx kwistjoni dwar il-fatt li fil-każ tagħna l-ftehim ta' kuntratt ta' xiri bin-nifs huwa wieħed bejn kummerċjant u konsumatur, u li għalhekk huwa applikabbli l-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**, li jimplimenta għadd ta' Direttivi tal-Unjoni Ewropea li joħolqu reġim legali speċjalizzat biex jitħares il-konsumatur. Fis-sistema liberali li jappartjenu għaliha l-kodiċijiet tal-liġi msemmija, id-dixxiplina tal-kuntratt għandha normi li jħarsu lil min soġġettivament, minħabba ċirkostanzi kontinġenti, isib ruħu f'kundizzjoni ta' "dgħufija": bħall-istat ta' bżonn; ta' inkapaċità; vizzji tal-kunsens; permezz ta' rimedji bħar-rexissjoni jew l-annullabbiltà. Min-naħa l-oħra, fil-kuntratti tal-konsumatur, id-"dgħufija" hija waħda strutturali, prodotta mis-suq, u mhux minn ċirkostanza konkreta u speċifika li jkollha x'taqsam mal-kuntrattur

individwali, bħal fil-**Kodiċi Ċivili** jew fil-**Kodiċi Kummerċjali**. Il-konsumatur huwa meqjus dgħajjef mhux minħabba l-kundizzjoni ekonomika jew soċjali tiegħu, imma għaliex huwa ma jkunx informat dwar l-oġġett mibjugħ lilu u dwar kif imorru l-affarijiet fuq is-suq miftuħ daqskemm jista' jkun jaf in-negozjant (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***Excel Homes Real Estate Limited v. Martin Pace et***).

28. Miżmum dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti għarblet sew il-provi li kellha quddiemha u waslet għall-konklużjoni t-tajba. Jirriżulta mill-provi li l-konvenut qabel ma xtara l-karozza għamel *test-drive* biha. Mhux kontestat li ftit jiem wara li huwa ħa f'idejh il-karozza, huwa kkomunika mal-kumpanija attriċi li kellu problema bil-karozza minħabba xi *headlight* u l-*air-vent* (ara affidavit Luke Milton f'paġna 45 tal-proċess). Ġie offrut li din tissewwa u l-karozza ttieħdet għand mekkanik imqabbad mill-kumpanija attriċi u l-karozza ntraddet lill-konvenut mingħajr dewmien. L-istess Luke Milton jixhed li ftit żmien wara, il-konvenut reġa' kellem lill-kumpanija attriċi li l-karozza kellha ħsarat u difetti li skontu kienu żgħar u ta' natura kożmetika. Jgħid li offrielu tibdil ma' karozzi oħrajn mingħajr ma jiżdied il-prezz, iżda l-konvenut baqa' ma jħallasx il-pagamenti.

29. Biss però, il-verżjoni tal-fatti kif seħħew min-naħa ta' Luke Milton hija ferm differenti minn dak li seħħ tassew. Huwa fatt li l-konvenut waqaf

iħallas il-pagamenti. Kulma ħallas kien pagament wieħed jew tnejn għaliex lanqas dwar dan m'hemm qbil u billi anke għall-ammont li tħallas, il-kambjala ffirmata minnu kontra dak l-ammont baqgħet għand il-kumpanija attriċi, din il-Qorti ma tistax tgħid b'ċertezza jekk tħallasx pagament wieħed jew tnejn. Fil-verità jekk tħallasx pagament wieħed jew tnejn ftit għandu rilevanza għad-determinazzjoni tal-każ.

30. Huwa minnu wkoll li l-karozza ttieħdet għand Conrad Mizzi (ara affidavit tiegħu f'paġna 56 tal-proċess), li xehed li eżamina l-karozza l-għada li l-konvenut ħadha f'idejh u ma kienx fiha affarijiet kbar. Madankollu barra x-xhieda tal-konvenut bil-mezz tal-affidavit (f'paġni 86 sa 93 tal-proċess) hemm ukoll messaġġi fuq *whatsapp* bejn il-konvenut u ċertu David għall-kumpanija appellanti. Hekk pereżempju l-messaġġ tal-31 ta' Mejju, 2019 (ara Dok A f'paġna 89 tal-proċess) fejn il-konvenut kiteb: *«The problem is the lights is not the only issue. The car had the service light on since we bought it, it needs wheel alignment cause it pulls to the right too much, the autostart-stop and the lights all need repairing...»* Ikompli jsemmi fl-istess messaġġ ix-xogħol ħażin li sar fuq il-qafas tal-karozza. Fit-22 ta' Awwissu, 2019 il-konvenut bagħat messaġġ ieħor wara talba mill-kumpanija attriċi biex iħallas il-pagamenti b'lura, huwa wieġeb hekk: *«Sorry for the late reply. We wil not be making any payments till its resolved. The car is literally falling apart cause all the bodge hard metal they've done it is all cracking! And if there is 4 months*

*outstanding that is the same time I've been waiting to get this issue resolved. Initially I was told to bring it in just after Easter. Besides all the other issues I've mentioned before. I'm not going to be paying €300 a month for nothing. I'm being mugged off mate.»* Dan sakemm fl-aħħar, fid-9 Ottubru tal-istess sena il-konvenut bagħat messaġġ lil Luke Milton biex il-karozza tinġabar minn quddiem biebu kif fil-fatt sar billi kien ingħata l-parir li ma jsuqhiex billi ma kinitx sigura għal bosta raġunijiet (ara Dok Ċ f'paġna 95 tal-proċess).

31. Jirriżulta wkoll li fil-5 ta' Lulju, 2019 (ara Dok B f'paġna 94 tal-proċess), il-konvenut kien bagħat ittra lill-kumpanija attriċi li fiha semma d-difetti li huwa jgħid li kellha l-karozza.

32. Illi l-verżjoni tal-konvenut dwar il-kundizzjoni tal-karozza hija korroborata minn rapport *ex parte* ta' Natalino Agius (ara Dok MC1 f'paġna 60 tal-proċess) liema rapport iġib id-data tas-7 ta' Ottubru, 2019. F'dan ir-rapport hemm deskrizzjoni tad-difetti li fiha l-karozza. Huwa kkonkluda li l-karozza kellha indikazzjoni li kienet ġarrbet għadd ta' ħsarat u li twettqu fuqha xogħlijiet mhux skont is-sengħa. Meta xehed fil-kontroeżami (fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2022 f'paġni 109 sa 111 tal-proċess) qal hekk: «*Jiena l-ħsejjes li kellha mekkanikament issuġġerejt lis-sinjur illi qabel ma jagħmel reactivation tagħhom dawn, jara x'inhuma, għaliex jista' jkun xi ħaġa pereżempju li r-rota titlef id-direzzjoni waqt li*

*qed issuq. Issuġġerejtlu li qabel ma jagħmel dawn it-tiswijiet, il-karozza kemm jista' jkun he refrained (recte: refrains) milli jużaha hux.»* Kuntrarjament għal dak li sostniet il-kumpanija attriċi, il-konvenut ma setax jinduna b'kull difett li kellha l-karozza għaliex uħud mill-problemi setgħu biss jiġu riskontrati minn espert fil-materja. Għalhekk l-Ewwel Qorti użat il-kelma preċiża, ċjoè li din kienet karozza misjura.

33. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tistrieħ fuq ix-xhieda tal-konvenut u fuq ir-rapport ta' Natalino Agius. Il-kumpanija appellanti għalkemm ressqet xhieda sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-karozza kellha biss difetti kożmetiċi, dawn il-provi ma kinux biżżejjed biex jegħelbu t-teżi tal-konvenut. Mhux hekk biss, talli jirriżulta mill-provi li x-xhieda mressqa mill-kumpanija attriċi, prinċipalment l-impjegati tagħha, ma kinux veritieri f'dak li xehdu għaliex għażlu li jħallu barra ċirkostanzi li seħħew bħal pereżempju l-ittra li l-konvenut bagħat huwa nnifsu fid-9 ta' Lulju, 2019.

34. Jingħad ukoll li l-Ewwel Qorti ħatret espert tagħha. Il-kumpanija appellanti, ibda biex, tilmenta dwar l-iskop tal-ħatra u l-eżami li kellu jitwettaq mill-espert maħtur. Din il-Qorti ma tistax ħlief tgħid li l-kumpanija appellanti kellha l-għodda quddiem l-Ewwel Qorti li jekk ma kinitx qiegħda taqbel mal-inkarigu, tressaq l-oġġezzjoni tagħha dak il-ħin stess jew anke permezz ta' talba bil-miktub. Dan m'għamlitux. Din ma kinitx għalhekk

kwistjoni li ġiet trattata fis-sentenza appellata u allura ma tistax titressaq bħala punt ġdid fl-istadju tal-appell.

35. Dwar ir-rapport tal-espert maħtur mill-Qorti John Camilleri (ara paġni 119A sa 119P tal-proċess), jirriżulta li huwa spezzjona l-karozza fit-12 ta' Marzu, 2022 u wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fosthom li: *«Overall, the vehicle is not in a roadworthy condition.»* Biss però kif sewwa qalet il-kumpanija appellanta, din l-ispezzjoni saret ferm wara li l-karozza ma baqgħetx fil-pussess tal-konvenut u wara li kienet inbiegħet lil terza persuna. Irriżulta li waqt li kienet f'idejn din it-terza persuna, il-vettura ġarrbet ħsarat kawża ta' inċident. Filwaqt li hemm ċertu kostatazzjonijiet li huma komuni ma' dak li kkonstata Natalino Agius, din il-Qorti tqis li ma tistax toqgħod fuq dan ir-rapport.

36. Dan ma jfissirx iżda li l-kumpanija appellanti għandha raġun fl-aggravju tagħha. Din il-Qorti tqis li ġie ppruvat mill-konvenut li l-karozza kienet maħbuta qabel inbiegħet lilu u li kienet ġarrbet ħsarat li ma ssewwewx skont is-sengħa. Kienet karozza misjura. Dan il-fatt kien mistur lill-konvenut mill-kumpanija appellanti.

37. Huwa f'dan l-istadju li tidħol għalhekk il-prattika kummerċjali qarrieqa li twettqet mill-kumpanija appellanti. Filwaqt li, bi qbil bejn il-partijiet, il-liġi tagħti lok għall-esklużjoni ta' garanziji, iżda huwa mifhum li

din l-esklużjoni trid issir fil-qafas ta' negozjati bejn il-partijiet li fihom ir-rieda tajba jeħtieġ li tkun preżenti. Fil-każ tagħna, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija konvinta li l-kumpanija attriċi kienet taf li l-karozza kellha l-problemi, b'tali mod li l-karozza kif issewwiet ma kinitx sigura fit-toroq tal-pajjiż u naturalment għal min ikun qiegħed isuqha u passiġġier fiha. B'hekk meta ġiet esklużа kull responsabbiltà, il-kumpanija appellanti kienet taf f'dak il-waqt tagħrif li seta' wassal lill-konsumatur biex jiddeċiedi mod ieħor milli jixtri dik il-karozza. Ma jridx jintesa li l-prezz tal-karozza li kien ta' €11,400 u bl-interessi (għalkemm dawn imkien ma jissemmew) tela' għal €18,000 li kellhom jitħallsu fuq medda ta' ħames snin ma kienx xi wieħed baxx tant li jtik x'tifhem li se tinxtara karozza bi problemi u difetti.

38. Hekk ukoll, il-fatt li fl-iskrittura tniżżlet il-frażi *tale quale* ma jeħlisx lill-bejjiegħ b'daqshekk mill-obbligi tiegħu ewlieni li jiggarantixxi l-bejgħ lill-konvenut. Din il-frażi waħedha ma tiswiex daqs ftehim espress li l-bejjiegħ m'għandux ikun obbligat għall-ebda garanzija (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Helen Micallef v. Godfrey Debattista et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ottubru, 2005 u dik tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet ***Martin Bajada v. Anthony Paul Demajo nomine*** mogħtija fis-7 ta' Novembru, 1998).

39. Illi anke fejn tonqos id-dikjarazzjoni espressa li l-oġġett qed jinbiegħ mingħajr il-garanzija għal vizzji, ċerti pattijiet li jkunu qablu

dwarhom il-kontraenti jista' jkollhom is-sinjifikat ekwiparabbli għall-espressjoni ta' eżoneru. Pattijiet bħal dawn huma ravviżati fi klawsoli bħal, ngħidu aħna, li l-oġġett qiegħed jinbiegħ fl-istat li hu, jew *tale quale*. Hemm awturi li jsostnu li klawsoli simili huma sempliċiment *di stile*, u għandhom jiġu interpretati fis-sens li x-xerrej ma jistax jippretendi oġġett differenti minn dak li hu. Hekk, pereżempju, jekk l-oġġett kien diġà użat ma jistax jippretendi wieħed ġdid. Intant dawn l-istess awturi jsostnu li, b'danakollu, l-impenn tal-venditur fir-rigward tad-difetti okkulti jibqa' veljanti. Similment, jinsab konkordament affermat mill-ġurisprudenza tagħna (ara **Kollez. Vol. XV p 317, Vol. XX P I p 273, Vol. XXII P I p 309** u ***Joseph Bonanno et v. Raymond Dimech***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005). Dejjem għall-każ ta' bejgħ ta' oġġett diġà użat jinsab spjegat mit-trattista ***C. Massimo Bianca*** (***La Vendita e la Permuta***, Ed. 1972 Unione Tipografico – Editrice Torinese, paġna 826), *«per quanto riguarda, in particolare, la vendita di cose usate, non può dirsi che il compratore rinunzi tacitamente ad avere un bene privo di vizi e con le qualità essenziali. Il riferimento al bene come usato significa che la promessa del venditore è determinate dallo stato del bene conseguente al suo uso o che le qualità s'intendono quindi ridotte in ragione dall'uso.»* Proprju fl-annotamenti li nsibu fl-istess opra b'riferenza għal dan il-bran hemm silta minn sentenza tat-Tribunal ta' Macerata tal-20 ta' Mejju 1959 li tgħid illi, *«nella vendita di cosa usata è esclusa l'azione di garanzia per i vizi e difetti che siano una conseguenza*

*normale dell'uso della cosa, mentre altrettanto non puo dirsi per quei vizi e difetti (nella specie la rottura del monoblocco del motore di una automobile) che dall'uso rappresentino una conseguenza anormale e siano di tale gravità da diminuire in modo apprezzabile anche la residuata capacità di utilizzo»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-28 ta' Marzu, 2007 fl-ismijiet ***Victor Anastasi et v. Nicholas Parnis England et***).

40. Fil-każ tagħna, kien hemm l-esklużjoni għall-garanziji fl-iskrittura iżda fl-aħħar mill-aħħar instab li dawn kienu klawsoli li jmorru kontra dak li jiddisponi l-**Artikolu 51Ċ tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur** billi l-kumpanija bejjiegħa ħbiet fatt daqstant importanti u ma waqfitx hemm, iżda niżlet esklużjoni għal kwalunkwe responsabbiltà dwar il-karozza. Dan huwa qerq u abbuż sfaċċat imwettaq fuq il-konsumatur konvenut.

41. Il-fatt li l-karozza li nbiegħet kienet diġà użata, dan ma jeżonerax lill-bejjiegħ milli jbiegħ oġġett li jkun tajjeb għall-użu. Żgur dan ma jtihx il-jedd li jbiegħ oġġett li bilkemm jista' jintuża. Irriżulta fil-każ tagħna li l-karozza ntużat biss għal ftit xhur u s-soluzzjonijiet li l-kumpanija appellanti tgħid li offriet lill-konvenut ma kinux tajbin biżżejjed biex it-tilwima bejniethom tintemm. Filwaqt li huwa minnu li l-konvenut ma baqax iħallas, mhux kontestat li huwa kien ħareġ diġà minn butu pagament meta ħadha f'idejh u ħallas il-liċenzja u l-assikurazzjoni għaliha. Biex imbagħad sar jaf

li din ma kinitx se sservih u ma kinitx sigura. Ma kienx kapriċċ min-naħa tal-konvenut li ġab ruħu kif ġab ruħu wara l-wegħdiet fiergħa tal-kumpanija appellanti.

42. Ma jistax ukoll ma jingħadx li din il-Qorti tinstab mistagħġba kif il-kumpanija appellanti aċċettat il-karozza lura mill-pussess tal-konvenut (għalkemm jingħad li talbithielu skont l-iskrittura, imma bħala fatt ġie ppruvat li l-konvenut bagħat messaġġ biex tinġabar mill-kumpanija), għaddiet biex biegħet il-karozza lil terzi u baqgħet tinsisti bl-azzjoni tagħha meta bl-aċċettazzjoni tal-karozza l-kuntratt inħall. Jingħad ukoll li l-kumpanija appellanti ħbiet il-fatt li l-karozza nbiegħet lil terz. Dan il-fatt ħareġ b'kumbinazzjoni għaliex il-konvenut għaraf il-karozza f'idejn terz. Tant huwa hekk li mbagħad kien hemm talba għal tnaqqis fil-prezz min-naħa tagħha proprju għaliex inqabdet.

43. Għaldaqstant dawn l-aggravji qegħdin jiġu miċħuda.

44. Permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>** tagħha, il-kumpanija appellanti tgħid sewwa li l-kawża mressqa minnha hija msejsa fuq ksur ta' kundizzjonijiet miftehma fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet. Biss però ma tgħidx sewwa li l-Ewwel Qorti qieset l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut daqslikieku kellhom is-saħħa li jwasslu għar-rexissjoni tal-ftehim. Lanqas ma hija siewja meta tagħti x'tifhem li l-konvenut ressaq xi eċċezzjoni formali fis-

sens li l-karozza kellha difetti moħbija. Il-kumpanija appellanti tisħaq li l-uniku rimedju li kellu l-konvenut kien li jressaq azzjoni redibitorja jew estimatorja.

45. Illi fil-prinċipju, li kieku l-konvenut ressaq eċċezzjoni f'dak is-sens, il-kumpanija attriċi kien ikollha raġun tgħid li, *«l-pretensjonijiet redibitorji jridu jitqanqlu b'azzjoni apposta fiż-żmien mogħti mil-liġi u ma jistgħux jitqajmu bħala eċċezzjoni għal azzjoni mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz (App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Alfred Grech v. Michael Abela*** *(Kollez. Vol: LXXXV.ii.998)). Minbarra dan, meta x-xerrej jagħżel bejn l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja, ma jistax iressaqhom flimkien, jew, wara li jkun għażel waħda, idur għall-oħra.»* (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2005 fl-ismijiet ***Helen Micallef v. Godfrey Debattista et***).

46. Madankollu, l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut aktar minn kollox kienu msejsa fuq l-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**. Kienu eċċezzjonijiet leġittimi fid-dawl tal-azzjoni mressqa.

47. B'żieda ma' dan, jingħad li fil-każ tal-lum, l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu ta' qabel ma kienu se jwasslu għall-ebda riżultat vantaġġuż għall-appellat meqjusa ċ-ċirkostanzi kif seħħew. Ma jridx jintesa li l-ftehim kien wieħed ta' xiri bin-nifs. Il-konvenut kulma kien ħallas kien pagament

jew tnejn u għalhekk ma kienx jagħmel sens għalih li ladarba radd lura l-karozza jressaq proċeduri għar-rifużjoni tal-prezz meta dan ma kienx għadu tħallas minnu. Għal dik li hija l-azzjoni *aestimatoria*, l-għażla tal-appellat u fl-aħħar mill-aħħar it-talba li saret mill-istess kumpanija appellanti kienet li tittieħed lura l-karozza. Dan fih innifsu jeskludi l-azzjoni għaliex b'din l-azzjoni l-oġġett jibqa' fil-pussess tax-xerrej iżda tintalab tnaqqis fil-prezz.

48. Ma jridx jintesa wkoll li fil-każ tal-lum kien hemm skrittura li rregolat il-bejgħ tal-karozza b'bosta klawsoli, fosthom l-esklużjoni tal-garanzija, u allura jiġi b'hekk li l-konvenut imħabbat b'azzjoni bħal din kellu wkoll il-jedd li jistrieħ fuq l-eċċezzjonijiet li ressaq. Li kieku ressaq azzjoni redibitorja jew estimatorja kien se jsib quddiemu eċċezzjonijiet li ma kellux dan ir-rimedju billi huwa xtara l-karozza *tale quale*.

49. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet ***Mizzi Home Furnishings Limited v. Italgreen Spa*** kienet qiegħda tistħarreġ azzjoni fejn kumpanija li xtrat turf sintetiku li fuqu ngħatat garanzija għal perjodu ta' għaxar snin għal dak li kellu x'jaqsam ma' ċertu ċirkostanzi. Il-kumpanija ressqet azzjoni fuq ksur kuntrattwali u mhux fuq oġġett milqut minn difett moħbi. Meta l-Qorti qieset l-aggravju tal-kumpanija konvenuta li l-kumpanija attriċi setgħet biss tressaq l-azzjoni redibitorja jew estimatorja, ma qablitx ma' din it-teżi billi qieset li l-azzjoni

kienet imsejsa fuq ksur kuntrattwali. Irreferiet ukoll għal sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2006 fl-ismijiet ***Rennato Iannace et v. J & T Company Limited*** li qalet:

> *«Dawn l-azzjonijiet li jinsabu mniżżla fl-**artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili** huma marbuta mal-garanzija li jagħti l-bejjiegħ għad-difetti li ma jidhrux u li jagħmlu l-ħaġa mhux tajba għall-użu li għaliha hija maħsuba u li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz anqas, jolqtu direttament il-kuntratt ta' trasferiment fih innifsu billi dan jew jiġi rexiss jew emendat bħala riżultat. Iżda dan ma jfissirx li din hija l-unika triq li għandu l-akkwirent meta jirriżulta xi nuqqas da parti ta' min begħlu. Infatti l-istess artikolu jgħid espliċitament li fil-każijiet imsemmija fl-**artikoli 1424 u 1426**, fil-każ ta' difetti okkulti, ix-xerrej 'jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja….inkella, bl-azzjoni stimatorja'. B'dan però dawn l-azzjonijiet mhux esklużivi ta' kull dritt ieħor spettanti lix-xerrej meta minn begħlu jkun naqas minn xi obbligu speċifikatament kontemplat fil-kuntratt.»*

50. Jiġi b'hekk li *a contrario sensu,* ladarba l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq ksur ta' kuntratt, ma kien hemm xejn x'iwaqqaf lill-konvenut milli proprju jixli lill-bejjiegħ li fl-istess skrittura kien hemm klawsoli li huma meqjusa bħala li jmorru kontra d-drittijiet tal-konsumatur. Hekk ukoll l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tirrexxindi l-kuntratt.

51. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

52. Ladarba din il-Qorti ċaħdet l-ewwel tliet aggravji, m'hemmx il-ħtieġa li jitqies l-aħħar aggravju billi l-istħarriġ tiegħu kien dipendenti fuq l-ilqugħ tal-appell tal-kumpanija attriċi.

53. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid li f'dan il-każ hemm lok għall-applikazzjoni tas-sanzjoni kif misjuba f'**paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Il-kumpanija appellanti ġa kienet marret tajjeb li minkejja li nstabet ħatja ta' prattiċi kummerċjali mhux ġusti skont l-**Artikolu 51Ċ tal-Att Dwar l-Affarijiet Konsumatur**, l-Ewwel Qorti ma waħħlithiex penali skont l-**Artikolu 106A tal-Att Dwar l-Affarijiet Konsumatur** u l-konvenut ma ressaqx appell fuq dan il-punt. Iżda minflok nidmet mill-imġiba qarrieqa tagħha u qagħdet mas-sentenza appellata, il-kumpanija appellanti nqdiet b'dawn il-proċeduri tal-appell biex tkompli aktar tkidd u ddejjaq bla bżonn lill-konsumatur tagħha. Bix-xieraq għalhekk li l-kumpanija appellanti tiġi kkundannata tħallas spejjeż addizzjonali skont il-liġi talli ressqet dan l-appell vojt, li kien ovvju li ma kien ħa jwassalha mkien.

***Decide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell jitħallsu mill-kumpanija attriċi.

Peress li din il-Qorti tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju, tikkundanna lill-kumpanija appellanti sabiex, għall-finijiet tal-**paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tħallas, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss